MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 56/2002/1

**Carmen Whiteford**

**vs**

**Dottor Chris Cilia u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati nominati permezz ta' digriet tas-27 ta' Gunju 2001 sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Alexander Whiteford.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fis-27 ta' Settembru 1986 (Dok. "B") f'Kettering Northamptonshire l-Ingilterra, mill-

liema zwieg il-konjugi Whiteford kellhom zewg ulied li llum it-tnejn maggorenni;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli sew minhabba nkompatibilta' ta' karattru kif ukoll minhabba li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali, u rrenda ruhu hati ta' adulterju, eccessi, u ngurji gravi versu l-attrici;

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet flimkien saret impossibbli, htija esklussiva tal-konvenut, u b'hekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Illi bejn l-attrici u zewgha kienet giet stabbilita l-komunjoni ta' l-akkwisti li fost affarijiet ohra tikkomprendi d-dar konjugali li ggib l-indirizz 110, “Paeonia”, Triq Geronimo Abos, Iklin;

Illi minn mindu l-konvenut abbanduna d-dar konjugali huwa qatt ma ghadda xi forma ta' manteniment lil martu;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta' Digriet tas-Sekond' Awla Numru 1505/2001, hawn anness bhala Dok “C”.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut, u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48(c) tal-Kodici Civili** tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro;*

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti skond **artikolu 55 tal-Kodici Civili;**

4. Tillikwida l-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti, u jekk ikun il-kaz taqsamhom f'zewg porzjonijiet, wiehed li jigi assenjat lill-attrici u wiehed li jigi assenjat lill-

konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fid-dawl ta' l-**artikolu 48 subinciz (1) (c) u ta' artikolu 53 tal-Kodici Civili**;

5. Tassenja lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, il-proprjeta' assoluta tad-dar konjugali fl-intier taghha li ggib l-indirizz 110, "Paeonia", Triq Geronimo Abos, Iklin;

6. Tawtorizza lill-attrici tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali taghha;

7. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa, a tenur ta' **artikolu 54 tal-Kodici Civili,** liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u / jew mill-penzjoni tal-konvenut.

8. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu elenkati **f'artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, nkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 21 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tat-22 ta' Marzu 2002 a fol. 25 fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza u jirriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet fil-mertu wara li jkunu ghamlu d-debiti verifiki.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 26 tal-process.

Rat il-verbali tad-9 ta' Mejju 2002 fejn inghata digriet ta' l-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull

wiehed u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2002.

Rat id-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-31 ta' Jannar 2003 fejn gie akkolt l-Appell interpost minn Carmen Whiteford mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **"Carmen Whiteford vs Dottor Chris Cilia et nomine"**, irrevokat l-istess sentenza u rrinvjat l-atti ta' din il-kawza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghall-prosegwiment u decizjoni skond il-ligi.  Bl-ispejjez tal-Prim Istanza u ta' l-Appell bin-nofs bejn il-partijiet.

Rat id-digriet tal-24 ta' Frar 2003, fejn il-Qorti ordnat illi kopja legali tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, tigi notifikata u komunikata lid-Direttur Civili, is-Sur Kevin Mahoney u lir-Registratur tal-Qrati, is-Sur Charles Micallef, sabiex jaghtu spjegazzjoni dwar in-nuqqas ta' l-atti li hemm riferiti, li jidher li gew prezentati u ma nstabux fil-process;

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati tad-9 ta' April 2003 fejn iddikjara li t-tfittxija ghall-atti ndikati rrizultat fin-negattiv;

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2003 fejn Dr. Chris Cilia ddikjara li peress li ma setax jikkomunika mal-assenti minhabba nuqqas ta' ndirizz, m'ghandux aktar provi x'jipproduci u l-kawza giet differita ghas-sentenza.
Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret mill-attrici sabiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn il-konvenut assenti minhabba nkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali, w *inoltre* rrenda ruhu hati t'adulterju, eccessi u ngurji gravi lejha.  Hija ppremettiet li l-hajja konjugali bejniethom saret impossibbli

htija tieghu. Illi hi talbet li tigi dikjarata xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti li fost affarijiet ohra tikkomprendi d-dar konjugali msemmija fic-citazzjoni u minhabba li huwa qatt m’ghaddielha xi forma ta’ manteniment u minhabba li hi qed issostni li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba fih. Hija qed titlob li din il-proprjeta’ tigi assenjata lilha fl-intier taghha u l-bqija jigi diviz f’zewg porzjonijiet. Talbet li tigi awtorizzata tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali taghha; kif ukoll li l-Qorti tordna lill-konvenut ihallasha manteniment u fl-ahharnett jigi dikjarat li hu ddekada mid-drittijiet tieghu elenkati fl-**artikolu 48(1) tal-Kodici Civili**.

Illi mill-provi prodotti biss, permezz ta’ l-affidavit attrici datat 13 ta’ Jannar 2003, li gie imdahhal biss fl-atti processwali fil-mori ta’ l-appell, jirrizulta li l-istess konjugi zzewgu fl-Ingilterra fis-27 ta’ Settembru 1886, u wara gew Malta u xtraw fis-16 ta’ Frar 1987 *maisonette* bl-isem “Paeonia”, Geronimo Abos Street, l-Iklin, Lija u wara ftit bdew jghixu fl-istess post. Pero’ gara li fid-19 ta’ Novembru 1988 l-istess konvenut telaq lejn l-Ingilterra bil-hsieb li jsib fejn jahdem u wara jibghat ghall-attrici. Kitbilha wara tlett gimghat fejn qalilha li ma kienx sab xoghol u wara dan ma semghetx iktar minghandu. Sostniet ukoll l-istess attrici li l-konvenut kien qabad relazzjoni ma’ mara ohra meta kien Malta, u kienet l-istess mara li cemplet wara tlett snin li kien telaq l-konvenut minn Malta sabiex tinformaha li l-konvenut kien ma jiflahx u wara xi zmien l-gharusa ta’ binha nformatha li l-konvenut kien qalilha li rega’ zzewweg. Fil-fatt hekk baqghet is-sitwazzjoni sa llum u l-konvenut qatt ma mantna la lilha u lanqas lil uliedha.

Illi fl-ewwel lok jinghad li s-sentenza tat-2 ta’ Ottubru 2002 inghatat mill-Qorti *stante* li kien jidher mill-atti processwali li l-attrici ma kienet resqet l-ebda provi la *viva voce* u lanqas permess t’affidavit. Il-kawza giet deciza biss fuq ic-citazzjoni attrici u dikjarazzjoni attrici, liema dikjarazzjoni a fol. 3 tal-process tghid biss li l-konvenut irrenda ruhhu hati verso l-attrici t’adulterju, sevizzi u ngurji gravi w abbandun tal-familja mill-1988 meta mar l-Ingilterra, pero’ tali dikjarazzjoni attrici, ghalkemm guramentata, ma’ giet bl-ebda mod sostanzjata. Ghalhekk abbazi tad-dikjarazzjoni

biss attrici, maghmula kif kienet, din il-Qorti ma hassitx li din twassal ghall-prova nesessarja skond il-ligi sabiex jigu milqugha it-talbiet jew xi talbiet attrici, u dan sar meta din il-Qorti applikat id-deskrizzjoni taghha dwar l-atti li kien hemm quddiemha, u dan fl-isfond tas-serjeta' ta' kawza ta' separazzjoni li kien hemm quddiemha. Fl-opinjoni tal-Qorti dik id-dikjarazzjoi wahedha ma kellhiex twassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici u dan fl-assenza ta' provi li jikkonfermaw l-istess.

Illi pero' jirrizulta li fl-24 ta' Gunju 2002 ghad insaputa ta' din il-Qorti kien giet prezentata nota bl-affidavit attrici, li pero' qatt ma gie inserit fil-process, lanqas fl-istadju ta' l-appell, ghaliex jidher li l-istess nota bl-allegati affidavits baqghet ma nstabitx.  Giet pero' prezentata kopja ta' l-istess affidavit permezz ta' nota datata 13 ta' Jannar 2003 u dan biss meta din il-kawza kienet fi stadju t'appell

Illi fil-fatt l-istess affidavit u kopja tal-kuntratt esebit mieghu jirrizulta li huwa l-unika prova prodotta mill-attrici, minn fejn jirrizulta li l-konvenut abbanduna lill-attrici fid-19 ta' Novembru 1988, meta l-istess konvenut mar l-Ingilterra bl-intenzjoni li jsib jahdem u jibghat ghall-attrici, pero' minn dan m'ghamel xejn u jidher li baqa' hemm sa llum u kellu relazzjoni ma' mara ohra li anke kkomunikat ma' l-attrici.

Illi ghalhekk l-ewwel zewg talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u d-data tad-19 ta' Novembru 1988 qed tigi stabilita bhala dik li tat lok ghall-firda personali tal-kontendenti.

Illi it-tielet talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ghandha wkoll tigi milqugha.

Illi in vista' ta' dan u r-resposnabilita' tal-konvenut ghal din il-firda kawza anke ta' abbandun u firda, it-tmien talba tac-citazzjoni attrici ghandha tigi milqugha u ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16.**

Illi dwar il-likwidiazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti din tidher li tikkonsisti biss fil-fond "Paeonia", Geronimo Abos

Street, l-Iklin, Lija. Peress li jidher li l-konvenut f'dan iz-zmien kollu sad-data tal-pronunzjament tal-kawza qatt ma mantna lill-attrici u lil uliedha, izda litteralment abbandunahom, din il-Qorti thoss li ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 54 (3) u (6) tal-Kap 16,** b'dan li peress li jidher li l-konvenut naqas li jmantni lill-attrici ghal dan iz-zmien kollu, s-sehem tieghu ta' nofs indiviz mill-istess dar konjugali u kull ma hemm gjo fiha ghandhu jigi assenjat lill-attrici, b'dan li l-istess attrici ssir proprjetarja assoluta ta' l-istess dar konjugali, u dan minhabba il-fatt li l-istess konvenut naqas li jmantni lill-attrici mis-sena 1988 sa llum.

Illi dwar manteniment uterjuri mid-data ta' din is-sentenza, ghalkemmm l-istess attrici ghandha tali dritt ma jidhirx li dan jista' jigi likwidat f'din is-sentenza ghaliex ma ingabet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li **tichad is-sitt talba attrici** *stante* nuqqas ta' provi dwar l-istess, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** u dan fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut u dan *stante* li l-istess irrenda ruhhu hati verso l-attrici t'eccessi, ngurji gravi, adulterju w abbandun tal-familja u ghall-finijiet ta' l-**artikolu 48(c) tal-Kodici Civili** tistabbilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li kien hati tal-firda bhala dik tad-19 ta' Novembru 1988;

2. Tawtorizza lill-attrici li tghix separata minn zewgha *a mensa et thoro;*

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti skond **artikolu 55 tal-Kodici Civili** u dan b'effett mid-data tad-19 ta' Novembru 1988.

3. Tillikwida l-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni ta' l-akkwisti, u dan fis-sens li jigi dikjarat li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti fid-dar konjugali "Paeonia", Geronimo Abos Street, l-Iklin, Lija, liema proprjeta' b'dan kollu li hemm fiha qed jigu assenjati lill-attrici anke bl-applikazjoni ta' l-**artikolu 54 (3) u (6) tal-Kap 16.** Dan peress li l-konvenut kien ilu ma jmantni lill-attrici mis-sena 1988 sa llum, u wkoll b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 subinciz (1) (c) u ta' artikolu 53 tal-Kodici Civili** ghall-mobbli fl-istess dar, b'dan li sehem il-konvenut mill-istess fond qed jigi assenjat lill-attrici, b'dan li l-attrici hija b'effett mid-data ta' din is-sentenza proprjetarja esklussiva ta' l-istess dar u ta' dak kollu li biha hija adebita.

4. Tassenja lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, il-propjeta' assoluta tad-dar konjugali fl-intier taghha li ggib l-indirizz 110, "Paeonia", Triq Geronimo Abos, Iklin u dan kif gja inghad fir-raba' talba.

5. Tichad din it-talba sabiex tawtorizza lill-attrici tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali taghha *stante* li ma hemm provi ta' xejn dwar dan;

6. Tiddikkjara li ma tistax tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa, a tenur ta' l-**artikolu 54 tal-Kodici Civili,** liema manteniment ghandu jinqata' direttament mill-paga u / jew mill-penzjoni tal-konvenut, u dan *stante* li ghalkemm l-attrici ghandha tali dritt ta' manteniment llum mid-data ta' din is-sentenza, m'hemm l-ebda prova fl-atti processwali dwar l-introjtu tal-istess konvenut.

7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu elenkati **f'artikolu 48 subinciz (1) tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, nkluzi dawk tas-Sekond' Awla, kontra l-konvenut, b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------